MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2498/2000/1

**S. Guillaumier & Company Limited.**

**-vs-**

**Marcel Loporto.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-23 ta' Novembru, 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u wiehed u tmenin Lira Maltija (Lm21,081), oltre l-imghaxijiet skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament, rapprezentanti flus avvanzati (mislufa) mis-socjeta' attrici lill-konvenut personalment f'diversi

okkazzjonijiet kif ukoll spejjez inkorsi mis-socjeta' attrici f'isem u fuq inkarigu tal-konvenut personalment f'diversi okkazjonijiet u li l-konvenut naqas milli jhallas lura, kif ghandu jirrizulta ahjar waqt il-kawza.

Li ghalkemm gie mitlub diversi drabi mis-socjeta' attrici sabiex ihallas u ghalkemm il-konvenut ammetta diversi drabi li l-ammont fuq imsemmi jirraprezenta flus li gew avvanzati (mislufa) lilu mis-socjeta' attrici kif ukoll spejjez inkorsi mis-socjeta' attrici f'ismu u fuq inkarigu tieghu, il-konvenut xorta wahda baqa' inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u wiehed u tmenin Lira Maltija (Lm21,081) rapprezentanti flus avvanzati mis-socjeta' attrici lill-konvenut personalment f'diversi okkazzjonijiet kif ukoll spejjez inkorsi mis-socjeta' attrici f'isem u fuq inkarigu tal-konvenut personalment f'diversi okkazjonijiet u li l-konvenut naqas milli jhallas lura.

2. Bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament.

Salv kull dritt iehor spettanti lis-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2000, tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 4022/2000 u tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 4021/2000 kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Anthony Guillaumier I.D. 80740(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fis-26 ta' Frar, 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-Dritt in

kwantu, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-eccipjenti kien, ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin, shab fuq bazi ta' nofs bin-nofs ma' Anthony Guillaumier, l-azzjonista maggoritarju tas-socjeta' attrici, fin-negozju kollu gestit mill-istess socjeta' attrici, u l-ammonti kollha pretizi huma koperti u ghandhom jigu pacuti ma' l-ammonti dovuti lill-eccipjenti in linea ta' sehmu mill-profitti tan-negozju, liema ammonti jifformaw il-mertu tal-kontro-talba prezenzjalment sollevata.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici lanqas ma ha in kunsiderazzjoni l-arretrati ta' paga, beneficcji terminali u kumpens ghal *vacation leave* mhux mehud mill-eccipjenti fil-kwalita' tieghu ta' Direttur impjegat mas-socjeta' attrici, liema ammonti jezumu minn kull kalkolazzjoni dovuta abbazi ta' dak sollevat fl-ewwel eccezzjoni, u wkoll jifformaw il-mertu tal-kontro-talba prezenzjalment sollevata.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro talba tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

Illi f'xi zmien madwar ghaxar (10) snin ilu, il-konvenut rikonvenjenti u Anthony Guillaumier, azzjonista maggoritarju fis-socjeta' rikonvenuta, kienu lahqu ftehim bejniethom ghal shubija fin-negozju fuq bazi ta' nofs bin-nofs.

Illi originarjament, il-hsieb kien illi l-imsemmi Guillaumier u l-konvenut rikonvenjenti jifformaw kumpanija gdida ghal dina r-relazzjoni kummercjali ta' bejniethom, izda fil-prattika gara illi l-konvenut rikonvenjenti beda jiggestixxi n-negozju mill-ufficji tas-socjeta' rikonvenuta, u f'qasir zmien l-istess konvenut rikonvenjenti sab ruhu jiggestixxi n-negozju kollu tas-socjeta' rikonvenuta.

Illi f'dan iz-zmien meta l-konvenut rikonvenjenti beda jiggestixxi n-negozju tas-socjeta' rikonvenuta, l-istess socjeta' rikonvenuta kienet qed topera b'telf, tant illi kellha djun kemm mill-banek lokali u kif ukoll djun ohra tan-negozju, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi in vista ta' dawn ic-cirkostanzi finanzjarji tas-socjeta' rikonvenuta, f'dan l-istadju, il-ftehim bejn Anthony Guillaumier u l-konvenut rikonvenjenti kien illi l-istess Guillaumier kellu jibqa' responsabbli ghad-debiti kollha ezistenti, filwaqt illi kull introjtu kellu jigi diviz u assenjat fuq bazi ta' nofs bin-nofs bejniethom, b'dan illi d-debiti ezistenti kellhom jithallsu interament mis-sehem assenjat lill-istess Anthony Guillaumier.

Illi l-ftehim bejn il-konvenut rikonvenjenti u Anthony Guillaumier kien fis-sens illi l-konvenut rikonvenjenti kellu jibda jokkupa l-kariga ta' Direttur u azzjonista in kwantu ghal hamsin fil-mija (50%) tas-socjeta' rikonvenuta.

Illi gara fil-fatt illi filwaqt illi l-konvenut rikonvenjenti beda jokkupa l-kariga ta' Direttur Manigerjali tas-socjeta' rikonvenuta, it-trasferiment ta' l-ishma lill-konvenut rikonvenjenti baqa' qatt ma sar, ghalkemm, salv ghal dak li ser jinghad aktar l'isfel, il-profitti tas-socjeta' rikonvenuta dejjem gew divizi u assenjati bejn il-konvenuti rionvenjenti u Anthony Guillaumier fuq bazi ta' nofs bin-nofs, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi f'qasir zmien wara illi l-gestjoni tas-socjeta' rikonvenuta ghaddiet f'idejn il-konvenut rikonvenjenti, dina bidet tirregistra profit, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi minkejja l-ftehim milhuq bejn Anthony Guillaumier u l-konvenut rikonvenjenti rigward id-debiti ezistenti tas-socjeta' rikonvenuta, gara fil-prattika, illi d-djun kollha nqatghu, fuq perijodu ta' snin, mill-introjtu ta' l-istess socjeta' rikonvenuta, qabel ma kienet issir id-divizjoni u assenjazzjoni ta' profitti

bejn Guillaumier u l-konvenut rikonvenjenti fuq bazi ta' nofs bin-nofs, kif fuq inghad, u sal-lum ghad ma hemm l-ebda rifless ta' dan fil-konteggi tas-shubija u fis-sehem relattiv dovut lill-konvenut rikonvenjenti.

Illi intoltre il-konvenut rikonvenjenti sab, meta beda l-gestjoni tas-socjeta' rikonvenuta, sitwazzjoni hazina hafna fil-materjal mizmum *in stock* mill-istess socjeta' rikonvenuta, u kellu, f'qasir zmien, jinvesti soma ingenti sabiex jintlahaq il-livell necessarju ghall-gestjoni tan-negozju, u ta' dan baqa' qatt ma gie rimborsat, kif kien intavolat skond il-ftehim vigenti bejn Anthony Guillaumier u l-konvenut rikonvenjenti u kif irid jirrizulta mill-konteggi ta' l-istess shubija.

Illi matul is-snin, is-socjeta' rikonvenuta, taht il-gestjoni tal-konvenut rikonvenjenti, ghamlet profitti li dejjem u invarjabilment gew divizi u assenjati lill-konvenut rikonvenjenti u Anthony Guillaumier fuq bazi ta' nofs bin-nofs, b'rikonoxximent tal-ftehim relattiv u b'attwazzjoni ta' l-istess, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi fil-fatt, fiz-zmien meta r-relazzjoni kummercjali bejn il-konvenut rikonvenjenti u Anthony Guillaumier giet xolta, il-konvenut rikonvenjenti fil-kariga tieghu ta' Direttur Manigerjali kien ghamel ix-xoghol kollu necessarju ghal diversi kuntratti bejn is-socjeta' rikonvenuta u terzi, u l-konvenut rikonvenjenti ghalhekk ghad ghandu wkoll kreditu fil-konfront tas-socjeta' rikonvenuta, ammontanti ghall-hamsin fil-mija (50%) mill-profitti kollha percepibbli mill-istess kuntratti.

Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-kariga tieghu ta' Direttur tas-socjeta' rikonvenuta, il-konvenut rikonvenjenti kien jippercepixxi salarju, u kien intitolat ukoll ghal beneficcji u vakanzi mhallsa skond il-Ligi, li ma gewx lilu debitament imhallsa mis-socjeta' rikonvenuta.

Tghid ghalhekk is-socjeta' rikonvenuta ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi bejn il-konvenut rikonvenjenti u Anthony Guillaumier, azzjonista maggoritarju tas-socjeta' rikonvenuta, kien hemm ftehim ta' shubija fil-gestjoni tan-negozju u l-qligh relattiv ta' l-istess socjeta' rikonvenuta bil-modalitajiet u t-termini hemm maqbula, kif fuq premess;

2. Tordna lis-socjeta' rikonvenuta sabiex taghti rendikont komplet tal-gestjoni tan-negozju fiz-zmien illi kienet tezisti s-shubija bejn Anthony Guillaumier u l-konvenut rikonvenjenti, kif fuq premess;

3. Tillikwida, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, il-kumpens dovut lill-konvenut rikonvenjenti in attwazzjoni tal-ftehim vigenti in konnessjoni mal-gestjoni tan-negozju tas-socjeta' rikonvenuta, kif fuq premess;

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' rikonvenuta naqset milli thallas lill-konvenut rikonvenjenti s-salarju u beneficcji ohra mat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu mill-kariga ta' Direttur ta' l-istess socjeta' rikonventa;

5. Tillikwida, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont dovut lill-konvenut rikonvenjenti in konnessjoni ma' l-impjieg tieghu ta' Direttur tas-socjeta' rikonvenuta;

6. Tikkundanna lis-socjeta' rikonvenuta sabiex thallas lill-konvenut rikonvenjenti l-ammonti kollha hekk likwidati, that it-tielet (3) u l-hames (5) talba.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Novembru 2000, u tal-Mandati Kawtelatorji li qed jigu pprezentati kontestwalment ma' dan l-Att, u imghaxijiet skond il-Ligi.

Rat in nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut pprezentata fl-20 ta' Marzu, 2001 li permezz taghha eccepixxiet:

1. Illi, prelimiarjament, kwalunkwe ftehim illi l-konvenut rikonvenjenti seta' kellu ma' Anthony Guillaumier huwa *res inter alios acta* fil-konfront tas-socjeta' attrici u ghaldaqstant is-socjeta' attrici mhiex il-legittima kontradittrici u ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward ta' l-ewwel tlett talbiet tal-konvenut rikonvenjenti.

2. Illi, dejjem preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim ta' shubija allegat mill-konvenut rikonvenjenti huwa fi kwalunkwe kaz null u bla effett stante illi ma sarx b'att pubbliku jew skrittura privata.

3. Illi dejjem preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-kumpens pretiz mill-konvenut rikonvenjenti fit-tielet talba tieghu huwa parzjalment preskritt bil-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-paragrafu (f) ta' l-artikolu 2156 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet tal-konvenut rikonvenjenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut rikonvenjenti peress li s-socjeta' attrici qatt ma kellha ftehim ta' shubija mal-konvenut rikonvenjenti u inoltre ma ghandha taghti xejn lill-istess konvenut rikonvenjenti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Salv kull dritt iehor tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut rikonvenjenti u bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenjenti li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Lulju, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni tal-attur.

Ikkunsidat.

Illi l-atturi qed jeccepixu illi l-kontro-talba tal-konvenut hija inammissibli ghaliex jekk sar xi ftehim bejn l-azzjonista principali tas-socjeta' attrici u l-istess konvenut dan kellu jsir bil-miktub. Una volta hu accettat li ma sar ebda ftehim bil-miktub l-azzjoni kontro-proposta mill-konvenut ma tistax tirnexxi.

Hu naturali li biex wiehed jiddeciedi dan trid tigi esaminata sewwa c-citazzjoni kontenuta fil-kontro-talba tal-konvenut. Dan qed jibbaza din il-kontro-talba fuq il-fatt illi kif jghid fl-ewwel paragrafu tal-kontro-talba;

*Illi f' xi zmien madwar ghaxar snin ilu il-konvenut .. u Anthony Guillaumier, azzjonista maggoritarju fis-socjeta' rikonvenuta kienu lahqu ftehim bejnithom ghal shubija fin-negozju fuq bazi ta' nofs bin-nofs.*

Iktar l'isfel jghid illi *fil-prattika gara li l-konvenut rikonvejnjenti beda jiggestixxi n-negozju mill-ufficju tas-socjeta' konvenuta u f'qasir zmien l-istess konvenut .. sab ruhu jiggestixxi n-negozju kollu tas-socjeta' konvenuta* u *illi l-ftehim kien fis-sens illi l-konvenut kellu jibda jokkupa l-kariga ta' direttur u azzjonista inkwantu ghal hamsin fil-mija tas-socjeta' rikonvenuta.* It-talbiet rikonvenzjonali mbaghad huma fis-sens li l-Qorti tiddikjara li li bejn il-konvenut u Anthony Guillaumier kien hemm ftehim ta' shubija fil-gestjoni tan-negozju u l-qligh relattiv. It-talbiet l-ohra huma biex isir rendikont ta' dak li kien dovut u l-hlas relattiv; izda hemm talbiet ohra fir-rigward ta' hlasijiet dovuti mis-socjeta' attrici lill-konvenut kwanti ghal salarji u u benficcji mhux imhallsa.

Il-kwistjoni hija fir-rigward tal-ftehim li qed jallega l-konvenut. Punt kardinali li gia' gie deciz fil-fazi tal-mandat kawtelatorju izda donnu traskurat sa issa f'dawn il-proceduri huwa li l-konvenut qed jippunta subajgh lejn Anthony Guillaumier bhala azzjonista maggoritarju u mhux lejn is-socjeta' attrici u dan minnu nnifsu ma jistax isir f'din il-kawza ghaliex il-kontro-talba tista' ssir biss fil-konfront tas-socjeta' attrici illi certament

ma ghamlet ebda ftehim mal-konvenut. Kieku tali kontro-talba tigi ammessa tkun qed issir fil-konfront ta' persuna guridika differenti. Gie infatti ritenut illi;

*Skond il-Ligi kummercjali taghna ma hemmx dubbju li s-socjetajiet kummercjali regiolarment kostitwiti jikkostitwixxu perosnalita' legali diversi mill-personalita' individwali tal-membri li jikkomponuha.* (Anastasi vs. Rossignaud nomine XLII-i.255).

Ghalhekk anke l-ewwel eccezzjoni tal-attur tidher gustifikata. Madankollu billi l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni l-Qorti ser tindaga dwarha ukoll. Il-konvenut qed jallega ftehim li permezz tieghu hu kellu jakkwista hamsin fil-mija tal-ishma. Il-kwistjoni m'hijiex ghalissa jekk sarx dan il-ftehim izda jekk kienx validu jekk sar, ghall-iskopjiet tal-Ligi.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici illi tali ftehim ma ghandu ebda sahha jekk ma jigix registrat debitament skond il-ligi dwar il-kumpaniji kummercjali u iktar u iktar jekk bhal f'dan il-kaz ma ssir ebda kitba. Jekk jigu accettatti kuntratti simili bil-fomm tkun qed tinfetah tieqa perikoluza. L-Att dwar il-Kumpaniji qieghed hemm biex jassigura s-serjeta' fir-registrazzjoni u tmexxija tas-socjetajiet kummercjali. Ghal dan il-ghan, il-ligi tidhol f' hafna dettalji biex taghmel dan, u dan ghaliex hu naturali li l-kuncett ta' socjeta' kummercjali fejn ir-responsabilita' tal-azzjonisti hija fl-essenza taghha limitata jaghti lok ghal hafna abbuzi u kwindi hu importanti li d-dettami tal-Ligi msemmija jigu osservati skrupolozament.

Kif irrilevat is-socjeta' attrici l-Kap 364 u cioe' l-Ligi msemmija tghid fl-artikolu 43 illi kull trasferiment *inter vivos* ta' valuri negozzjabli maghmul f'Malta ghandu *taht piena ta' nullita' isir bil-miktub.* L-Ordinanza tal-1962 kienet tghid l-istess haga b'mod differenti (Artiklu 103). Ghalhekk anke jekk tigi applikata l-Ligi li tahtha qed jigi allegat li sar il-ftehim, l-argument iregi. L-allegat ftehim jikkostitwixxi trasferiment ta'

azzjonijiet u kwindi ma setax isir jekk mhux skond il-Ligi dwar is-socjetajiet kummercjali applikabbli fil-mument meta seta sar.

Kif gia' nghad il-konvenut qed jaghmel ukoll kontro-talba dwar hlasijiet allegatament dovuti lilu fil-kwalita' tieghu ta' impjegat tas-socjeta' attrici u dawn it-talbiet ma ghandhomx ikunu kolpiti b'din l-eccezzjoni.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-attur u tiddikjara l-ewwel, it-tieni u it-tielet talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu inammissibbli u tillibera lis-socjeta' attrici mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward taghhom.**

**Spejjes ta' din l-istanza a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------